# FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.

**Kawża Nru: 50/2016**

**Illum: 4 ta' Novembru 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Herman Mula)**

**vs**

**Kenneth Hartley**
**ID: 34674(M)**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Kenneth Hartley**, bin Paul u Mary nee` Cuschieri, imwieled il-Pieta`, fil-11 ta' Diċembru 1973, residenti ġewwa Numru 4, Marylin, Triq Gian Nicola Buhagiar, San Ġwann u detentur tal-karta tal-identita` numru 34674(M);

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fil-lejl ta' bejn l-24 u l-25 ta' Awwissu, 2014 u fis-sentejn ta' qabel din id-data:

Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina speċifikata fl-ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas il

jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Talli sar reċediv b'sentenza mogħtija mill-Qorti ta' Malta, preseduta mill-Maġistrat Dr. S. Demicolli LLD nhar id-29 ta' Ottubru 2009, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-Arikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti eżebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputat irreġistra ammissjoni għall-ewwel imputazzjoni kif miġjuba kontra tiegħu, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avżatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkonċedietlu żmien biżżejjed biex jerġa' jikkonsidra t-tweġiba tiegħu u jerġa' lura minnha.

Semgħat trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat dwar l-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu, il-Qorti ma tistax ħlief issibu ħati tal-istess imputazzjoni.

Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, il-Prosekuzzjoni baqgħet ma ġabitx prova u għaldaqstant din ma tirriżultax ippruvata skont il-liġi.

Għal fini ta' piena dwar l-ewwel imputazzjoni, il-Qorti ħadet in kunsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali tiegħu li mhijiex waħda allarmanti, il-piż tad-droga mertu tal-każ odjern u li ma jidhirx li l-imputat għandu l-vizzju tad-droga.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, filwaqt li qed issib lill-imputat **Kenneth Hartley** mhux ħati tat-tieni imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u qed tilliberah minnha, fuq ammissjoni, qed issibu ħati tal-ewwel imputazzjoni, iżda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fuq magħmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn (2) mil-lum.

Il-Qorti wissiet lill-ħati bil-konsegwenzi skont il-liġi jekk huwa jikkommetti reat ieħor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata.

Stante li ma ġewx maħtura esperti f'dawn il-proċeduri, il-Qorti qegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjez ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijet ta' Malta.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga u/jew l-affarijiet relatati mal-abbuż tad-droga, Dokument HM, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in gudikat, u dan taht il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat